# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-4 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 30/2022 JPG**

**Kawza Numru : 6**

**AC**

**Vs**

**KC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AC datat 19 ta' Jannar 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti u mart l-intimat izzewgu f'Malta nhar il-21 ta' Novembru 2004 (Dok. AC1) u kienu jghixu Malta flimkien;*

2. *Illi minn tali zwieg kellhom tifel ALC li twieled f'X u li llum ghandu X;*

3. *Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat u l-partijiet ilhom jghixu separatament sa mis-sena 2017, u l-partijiet isseparaw bonarjament permezz tal-kuntratt datat 10 ta' Lulju 2017 (Dok. AC2); Jinghad li qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u ma hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni futura bejniethom;*

4. *Illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ghal manteniment, filwaqt illi l-manteniment tat-tifel illum huwa pagabbli skond il-kuntratt direttament lit-tifel permezz ta' standing order;*

5. *Illi ghaldaqstant l-esponenti jiddikjara li jissussistu r-rekwiziti kollha fil-ligi ghal divorzju;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti:*

i. *Tiddikjara l-hall ta' l-imsemmi zwieg (Certifikat 2094/2004) bejn il-partijiet permezz ta' divorzju;*
ii. *Tordna li jigi nnotifikat b'dan id-Direttur tar-Registru Pubbliku skond il-ligi sabiex jirregistra tali divorzju skond il-ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' KC datata 4 ta' Marzu 2022, a fol 17 li taqra hekk:

1. *Illi fl-ewwel lok jinghad illi mhux kontesat li l-partijiet izzewwgu fil-21 ta' Novembru 2004 u lanqas m'huwa kontestat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Gunju in atti Nutar Jean Carl Debono u mhux kif sottomess mir-rikorrenti fl-10 ta' Lulju 2017;*

2. *Illi l-esponenti taqbel li ma hemmx arretrati kemm ta' manteniment u kemm ta' spejjez tas-sahha, edukazzjoni u extrakurrikulari tal-iben minuri;*

3. *Illi ghalhekk l-esponenti mhux topponi ghat-talbiet tar-rikorrent ghal hall taz-zwieg b'dan li l-kundizzjonijiet kollha tal-kuntratt ta' separazzjoni jibqghu fis-sehh;*

4. *Illi l-esponent pero tixtieq li dina l-Onorabbli Qorti tawtorizzha tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'S';*

5. *Illi finalment l-esponenti topponi ghall-ispejjez kollha tal-procedura odjerna li ghandhom jigu allokati lir-rikorrent.*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti f'dal-istadju, a savju ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 23 ta' Frar 2022, a fol 22 li permezz taghha ddikjararw li ma kellhom aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**KC xehdet** (vide affidavit, fol 18) illi l-kontendenti zzewgu nhar il-21 ta' Novembru 2004 u li minn dan iz-zwieg twieled tifel. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat nhar is-27 ta' Gunju 2017 fl-atti tan-Nutar Jean Carl Debono. Iddikjarat ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut bejn il-partijiet. Xehdet illi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' 'S'. Finalment iddikjarat illi qed topponi ghall-ispejjez kollha ta'dawn il-proceduri u li ghandhom jigu mhallsa mill-attur.

**AC xehed** (vide affidavit fol 3) u kkonferma u kkorraborat dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun***

***sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentemet pprovat illi il-kontendenti kienu zzewgu nhar il-21 ta' Novembru 2004, liema zwieg igib c-certifikat numru 2094/2004 (Vide certifikat taz-zwieg fol 4). Minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono nhar is-27 ta' Gunju 2017 (vide kuntratt ta' separazzjoni fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat it-talba tal-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha S.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2094/2004 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe 'S' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**